

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Martin u J. Baquero Cruz, aġenti)

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li ma tagħtix lir-rikorrenti l-allowance tal-installazzjoni.

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors ta' D. Chaouch huwa miċħud.*
- (2) *D. Chaouch tbat i-ispejjeż kollha.*

⁽¹⁾ ĠU C 129, 6.6.2009, p. 21

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Mejju 2011 J vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-53/09) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sigurtà soċjali — Assigurazzjoni għal inċidenti u mard professjonali — Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal — Rifjut ta' rikonoxximent tal-orijini professjonali ta' marda — Obbligu li proċedura titmexxa f'terminu raġonevoli”)

(2011/C 252/106)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: J (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Martin u J. Baquero Cruz, aġenti)

Suġġett tal-kawża

L-annullament ta' deċiżjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrenti li tirrikonoxxi bħala marda professjonali l-marda li minnha hija tbat, kif ukoll id-deċiżjoni li tħallas hi l-miżati u l-ispejjeż tat-tabib li hija għażlet kif ukoll nofs il-miżati u l-ispejjeż konnessi mat-tielet tabib tal-kummissjoni medika.

Dispożittiv tas-sentenza

- (1) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 1 bħala danni.*
- (2) *Il-kumpliment tat-talbiet tar-rikors huwa miċħud.*
- (3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, kwart tal-ispejjeż tar-rikorrenti.*
- (4) *Ir-rikorrenti għandha tbat tliet kwarti tal-ispejjeż tagħha.*

⁽¹⁾ ĠU C 180, 01.08.2009, p. 64.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-15 ta' Frar 2011 — Barbin vs Il-Parlament

(Kawża F-68/09) ⁽¹⁾

(Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Proċedura ta' promozzjoni 2006 — Eżekuzzjoni ta' sentenza tat-Tribunal — Eżami komparattiv tal-merti — Prinċipju ta' trattament ugwali — Leave parentali għal nofs il-ħin)

(2011/C 252/107)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Florence Barbin (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: inizjalment minn A. Lukošiūtė u C. Burgos, aġenti, u sussegwentement minn J. F. de Wachter, R. Ignătescu u K. Zejdová, aġenti)

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li ma tippromoviex lir-rikorrenti għall-Grad AD 12 għall-proċedura ta' promozzjoni 2006.

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *F. Barbin għandha tbat i-ispejjeż kollha.*

⁽¹⁾ ĠU C 220, 12.09.09, p. 43.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-13 ta' April 2011 — Sukup vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-73/09) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Remunerazzjoni u allowances — Allowance għal wild dipendenti — Allowance għall-edukazzjoni — Allowance retroattiva)

(2011/C 252/108)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Viktor Sukup (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju “Amministrazzjoni u likwidazzjoni tad-drittijiet individwali” tal-Kummissjoni Ewropea li ma tagħtix lir-rikorrent la l-allowance għal wild dipendenti u lanqas l-allowance għall-edukazzjoni